## Il-Ħadd, 20 ta' Diċembru 2020

Alla bagħat l-anġlu Gabrijel għand xebba jisimha Marija, mgħarrsa ma' raġel jismu Ġużeppi. L-anġlu qalilha: "Sliem għalik, mimlija bil-grazzja, il-Mulej miegħek."
Hi tħawdet ħafna għal dan il-kliem, u bdiet taħseb bejnha u bejn ruħha x'setgħet qatt tfisser dik it-tislima. Iżda l-anġlu qalilha: "Tibżax, Marija, inti se tnissel fil-ġuf u jkollok iben u ssemmih Ġesù." Iżda Marija qaltlu: "Kif ikun dan, ladarba ma nagħrafx raġel?" Weġibha l-anġlu: "Il-qawwa tal-Għoli tixħet id-dell tagħha fuqek." Imbagħad qalet Marija: "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skont kelmtek."

***Mill-Evanġelju skont San Luqa, kapitlu 1, versi 26-31. 34-35. 38a***

# 22

"Il-pastur ta' Marija fil-presepju
jfakkarna fil-misteru kbir
li fih daħlet din it-tfajla
meta Alla ħabbat
fuq il-bieb tal-qalb safja tagħha.
Għat-tħabbira tal-anġlu li talabha
biex issir l-omm ta' Alla, Marija
wieġbet b'ubbidjenza sħiħa
u totali. Kliemha hu għalina lkoll
xhieda ta' kif bil-fidi
għandna nintelqu fir-rieda ta' Alla.
B'dik l-'iva' Marija saret
omm l-Iben ta' Alla ... u titlob
minn kulħadd li jobdi kelmtu
u jqegħidha fil-prattika tal-ħajja."

PAPA FRANĠISKU, Ittra Appostolika
*Admirabile Signum*, nru 7, 1 Diċembru 2019

# Taħwid

*Kif inġib ruħi quddiem it-taħwid li nġarrab minħabba xi sejħa partikulari?*

*X'jgħinni noħroġ minnu?*

Xi sejħiet li Inti tagħmilli, Mulej,
inħosshom iħawduni, u jħawduni bil-kbir.
Narak tkun qed titlob wisq minni.
Narak tkun qed saħansitra tgerfixli
l-pjanijiet li jiena nkun għamilt.
Ikolli aptit ngħidlek:
"Imma din xi qlajtha tagħmel?"
Ommok Marija, hi wkoll tħawdet ħafna,
imma f'dan it-taħwid
ħalliet lilek iddawwalha,
u hi ħassitha timtela' bil-fiduċja fik.
U qaltlek: "Hawn jien.
Se nagħmel dak li Inti fassalt għalija
skont il-providenza tiegħek."
Għinni nintelaq f'idejk, Mulej,
u sejjaħli għalxiex trid.